VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,333, 24 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 392 tal-2014

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tilbis taċ-Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tilbis taċ-Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tilbis taċ-Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.12

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/37/UE tas-27 ta' Frar 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE dwar l-użu obbligatorju taċ-ċintorini tas-sikurezza u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal fil-vetturi.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "sistema ta' rbit tat-tfal" għandu jidħol dan li ġej:

" "sistema ta' rbit tat-tfal" tfisser sistema li tkopri sedil, imwaħħal mal-istruttura tal-vettura b'mezzi xierqa li, sad-9 ta' Mejju, 2008, ikollha mill-anqas katina waħda ta' rabta lokalizzata fuq l-istruttura tas-sedil u li tkun turi l-marka 'E' tan-Nazzjonijiet Uniti jew BS 'kitemark', u li wara d-9 ta' Mejju, 2008 tkun konformi mar-Regolament 44/3 tan-NU-KEE jew mad-Direttiva 77/541/KEE jew mar-Regolament Nru 129 tal-UNECE jew ma' kull adattament li jista' jsir għalihom u li għandha tiġi installata skont l-informazzjoni tal-immuntar (eż. il-manwal tal-istruzzjoni, il-fuljett jew il-pubblikazzjoni elettronika) ipprovduta mill-manifattur tas-sistema tat-trażżin għat-tfal

VERŻJONI ELETTRONIKA

u li tkun tiddikjara b'liema mod u f'liema tipi ta' vettura s-sistema tista' tintuża mingħajr periklu.

Sistemi ta' rbit tat-tfal huma suddiviżi f'żewġ klassijiet -

(a) klassi integrali li jkun fiha għaqda ta' ċineg jew komponenti flessibbli b'blokka li ssakkar, mezz tal-aġġustament, it-twaħħil u f'xi każi siġġu u/jew ilqugħ ta' protezzjoni mill-impatt supplimentari, kapaċi li jiġu ankrati permezz taċ-ċinga jew iċ-ċineg integrali minnha/hom nfisha/hom; u

(b) klassi mhux integrali li jista' jkun fiha trażżin parzjali li, meta wżat f'għaqda ma' ċintorin ta' adult li jgħaddi madwar il-ġisem tat-tifel/tifla jew li jirrestringi l-mezz li fih ikunu tqiegħdu t-tifel/tifla, jiffurmaw sistema sħiħa ta' trażżin tat-tifel/tifla;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "sistema ta' rbit tat-tfal", kif sostitwita, għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sistema ta' sigurtà" tfisser kull ċintorin tas-sigurtà jew sistema ta' rbit tat-tfal li hija ddisinjata sabiex tnaqqas ir-riskju ta' ħsara lil min qiegħed jilbisha, fl-eventwalità ta' ħabta jew tnaqqis f'daqqa fil-veloċità tal-vettura, permezz ta' limitazzjoni tal-moviment tal-ġisem ta' min jilbisha;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"L-irbit tat-trabi..

6. (1) Tarbija ma għandha qatt tivvjaġġa f'vetturi bil-mutur M1, N1, N2 u N3 li ma jkunux attrezzati b'sistemi ta' sigurtà.

(2) Tarbija li tkun qed tivvjaġġa f'vettura bil-mutur M1, N1, N2 u N3 li tkun attrezzata b'sistemi ta' sigurtà għandha tinġarr dejjem f'sistema ta' rbit tat-tfal li hi adatta għall-piż tat-tarbija kif jidher fl-Ewwel Skeda.

(3) Tarbija ma għandiex tinġarr f'sistema ta' rbit tat-tfal li tħares lura li tkun imwaħħla mas-sedil ta' quddiem imħares minn borża tal-arja sakemm dik il-borża tal-arja ma tkunx ġiet deattivata.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Tarbija ma għandha qatt tintrabat b'ċintorin tas-sigurtà li jintuża minn persuni adulti.".

4. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolamenti (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (5) u (6) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Tfal li mhumiex twal aktar minn 150 ċm li jkunu qed jivvjaġġaw f'vetturi M1, N1, N2 u N3 mgħammra b'sistemi ta' sigurtà, għandhom jiġu mrażżna b'sistema integrali jew mhux integrali ta' rbit tat-tfal li hija adatta għall-piż tat-tfal kif jidher fl-Ewwel Skeda.".